MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 185/2013

**Appell Numru: 185/2013**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Kevin J. Farrugia]**
**Vs**
**Robert Busuttil**
***Omissis***
***Omissis***

Illum, 20 ta' Frar, 2014

Il-Qorti,
Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Robert Busuttil, detentur tal-karta tal-identita bin-numru: 175890M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli, flimkien ma *omissis* u *omissis:*

Gew akkuzati talli gewwa H'Attard u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin, nhar il-20 ta' Dicembru 2007 u fil-jiem ta' qabel kellhom fil-pussess taghhom il-pjanta *cannabis*

kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap.101 tal-Ligijiet ta’ Malta.
Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jekk ikun il-kaz skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat is-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Malta) moghtija fit-23 ta’ April, 2013, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 8(d), 22(1)(a), 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, ir-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, u fil-konfront ta’l-imputati Robert Busuttil u *Omissis*, l-artikolu 37 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, issib lill-imputati hatja ta’l-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, izda fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tillibera lill-imputati bil-kundizzjoni li ma jikkomettux reat iehor, fir-rigward tal-imputat *Omissis* fi zmien 18-il xahar mil-lum u fir-rigward taz-zewg imputati l-ohra fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkomettu reat iehor matul il-perijodu ta’ liberta kondizzjonata.

Il-Qorti tordna id-distruzzjoni tad-Dokument RG.

Rat ir-rikors tal-appellant Robert Busuttil minnu pprezentat fit-30 ta’ April, 2013 fejn talab lil din il-Qorti:
1. Tilqa` dan l-appell u tirrevoka s-sentenza appellate billi tiddikjarah mhux hati u tilliberah skond il-ligi.
2. Alternattivament u minghjar pregudizzju, f’kaz li dan l-appell am jintlaqax, joghgobha thassarha fil-parti tal-piena minflok tigi mposta piena jew sanzjoni ohra lit kun aktar ekwa ghac-cirkostanzi tal-kaz.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant w cioe':-

(1) Illi minn qari akkurat tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati jirrizulta illi ghalkemm il-Qorti tirrileva illi l-konfessjoni maghmula mill-esponent saret b’mod validu u n-nuqqas ta’ access ghal-assistenza legali ma jinvalidax tali konfessjoni, bl-akbar rispett, l-esponent jissottometti illi s-sentenzi citati mill-istess Qorti in sostenn ta’ l-istess, gew interpretati b’mod skorrett fis-sens illi d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza Charles Stephen Muscat vs Attorney General, titkellem dwar suspettati li jkunu ben koxjenti tar-regoli applikati waqt l-investigazzjonijiet u l-interrogazzjonijiet. Bl-akbar rispett, l-argument sollevat mid-difiza mhux biss hu naxxenti mill-istess sentenza izda ssib sostenn fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza ir-Repubblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri (fl-orbiter dicta tal-istess Qorti ghar-rigward l-argument inkwistjoni) u l-Ewwel Onorabbli Qorti, per konsegwenza ma kelliex tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija ta’ l-esponent tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tal-imputat (il-fedina netta ta’ l-imputat) kif ukoll l-eta` tenera tieghu.

(2) Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost minn qari akkurat tas-sentenza appellate jidher illi ghalkemm l-ewwel Onorabbli Qorti dahlet fil-fond fir-risultanzi processwali, u dan huwa naturalment apprezzat, l-esponent huwa ta’ l-umli fehma illi in linea generali, dawn ir-rizultanzi processwali huma nieqsa mill-piz ta’ prova rikjesta fil-kamp penali, li ghandha twassal sal-grad tac-certezza morali. Illi b’ebda mod ma hemm xi prova li turi illi l-esponent kien hu li kien fil-pussess tar-raza tal-cannabis. Di piu` jekk wiehed jara d-dicitura tas-sentenza fil-parti tal-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti, l-istess Qorti tghid “jirrizulta, ippruvat mix-xhieda ta’ Gunner Galea illi t-tlett imputati kienu jinsabu flimkien f’toilet tan-nisa gewwa H’Attard u li hemmhekk instabet dina d-droga”. Bl-akbar rispett wiehed josserva illi fil-ligi penali nostrana ma tezistix responsabbilita` penali kollettiva izda responsabbilita` penali individwali u perkonsegwenza s-sejbien ta’ htija f’dan il-kaz hija ‘unsafe and unsatisfactory’.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-ghoxrin (20) ta’ Dicembru tal-elfejn u sebgha (2007) persuna feminili irrappurtat mas-suldat li kien ghassa mal-ambaxxata Amerikana gewwa H’Attard illi kien hemm tlett (3) zghazagh guvintur gewwa l-latrina pubblika tan-nisa. Is-suldat ghalhekk mar biex jinvestiga u hekk kif dahal f’dan il-post sab lil tlett (3) guvintur li fosthom kien hemm l-appellant Robert Busuttil. It-tlett persuni nhasdu meta raw is-suldat u flaxxjaw l-affarijiet illi kellhom fit-toilet. Is-suldat però ra borza fuq it-toilet, fuq is-sedil, elevaha u ghaddiha lill-pulizija, li giet esebita fl-atti. Irrizulta illi din il-borza kien fiha d-droga kannabis. Ghalhekk it-tlett persuni, inkluz l-appellant Robert Busuttil, tressqu l-Qorti biex iwiegbu ghall-akkuza ta’ pussess ta’ droga kannabis.

B’sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta’ April tal-elfejn u tlettax (2013) il-Qorti tal-Magistrati sabet lit-tlett imputati, fosthom lill-appellant, hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu izda b’applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta illiberat lill-imputati fosthom lill-appellant biex ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena minn dakinhar.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Dana ghaliex l-ewwel Qorti ma kellhiex tiehu in konsiderazzjoni l-istqarrija tal-appellant tenut kont ic-cirkostanzi partikolari tieghu kif ukoll l-età tenera dakinhar illi irrilaxxa l-istqarrija. Di piu jekk l-istqarrija tigi mwarrba ma jirrizultax provi minghajr dubbju dettat mir-raguni illi l-appellant kien fil-pussess tar-raza tal-kannabis.

Ikkunsidrat:

Fil-kunsiderazzjonijiet taghha tal-valur probativ tal-istqarrija l-ewwel Qorti gustament ghamlet riferenza ghal sentenzi kostituzzjonali in materja l-ewwel ghall-kazijiet Il-Pulizija versus Alvin Privitera, versus Mark Lombardi, u versus Esron Pullicino illi taw certa direzzjoni, imbaghad ukoll lill-kawza Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali illi tat direzzjoni ohra. Din il-kawza flimkien ma’ kawza ohra kostituzzjonali Il-Pulizija versus Ganni Attard

(31 ta’ Ottubru 2012), il-Qorti Kostituzzjonali ikkristalizzat il-kwistjoni tal-istqarrija meta dina ittiehdet qabel l-introduzzjoni tal-ligi fi Frar tal-elfejn u ghaxra (2010) li tat lill-arrestat id-dritt illi jikkonsulta ruhu ma’ avukat. L-ewwel Qorti ikkwotat in estensio l-kawza Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali fejn waslet ghall-konkluzjoni illi la l-istqarrija saret b’mod volontarju u ma kienx hemm oggezzjoni minn naha tad-Difiza dwar dan allura kellha tiehu in konsiderazzjoni din l-istqarrija mal-provi l-ohra illi kien hemm u ghalhekk qalet “Kwindi l-Qorti mhiex ser tiskarta dawn l-istqarrijijiet billi jidher illi a bazi tal-linja mehuda mill-gurisprudenza fil-Qorti tal-Appell dawn l-istqarrijiet jikkostitwixxu prova valida u skont il-ligi vigenti meta ittiehdu ...”.

Bir-rispett il-Qorti jidhrilha illi ghandha ggib argumenti ohra in konnessjoni ma’ din il-kwistjoni.

Ikkunsidrat:

Jibda biex jinghad illi l-kawza kostituzzjonali Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali ikkwotat aktar minn dak illi irriproduciet l-ewwel Qorti. F’pagna 12 tal-istess sentenza l-Qorti tal-Appell qalet, “Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi li ngiebu kontrih u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta’ avukat waqt interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghall-ksur tal-jedd ta’ smigh xieraq u jekk inholoqx il-periklu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dak il-periklu, mela ma hemmx ksur.” F’paragrafu 33 tal-istess sentenza jkompli jinghad, “... l-imhallef togat sejjer iwissi lill-gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija, bla ma jqisu l-provi l-ohra, u illi l-imhallef sahansitra jista’ jwissi lill-gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda ... li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jewe theddid ...”. Din is-sentenza giet ikkwotata b’success fil-kawza l-ohra John Attard versus Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Generali u kompliet tghid, “Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt

interrogazzjoni awtomatikament jirrizulta f'lezjoni ta' dritt ghal smigh xieraq." (pagna 10).

Din il-Qorti kif preseduta kellha l-okkazjoni ukoll tippronuncja ruhha ukoll fuq dan il-punt fil-kawza Il-Pulizija versus Paul Cutajar (Appell Inferjuri) Ghawdex fit-tmintax (18) ta' Gunju elfejn u tlettax (2013) fejn ikkristallizzat is-sitwazzjoni f'dan il-bran: "Dwar dan l-ahhar ilment l-istqarrija kellha tkun sfilzata il ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidunett tal-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel riferenza ghal decizjonijiet moghtija recentement (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat versus Avukat Generali u Ganni Attard versus Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti irrilevat li mhux kull nuqqas ta' assistenza legali ghandha twassal ghan-nullità tal-istqarrija, izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabbli illi seta' facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi interrogat mill-pulizija."

Ghalhekk meta l-Qorti tkun qieghda tikkunsidra l-valur probativ ta' stqarrija f'dawn ic-cirkostanzi trid tqis ukoll il-vulnerabiltà tal-persuna arrestata u l-età taghha huwa fattur importanti ghax hekk biss tista' tevita l-periklu illi tasal ghall-konkluzjoni illi persuna tinstab hati meta ma kellux jinstab hati. F'dan il-kaz irrizulta illi l-appellant kien taht l-età meta irrilaxxa l-istqarrija lill-pulizija, liema stqarrija giet rilaxxata ukoll minghajr il-prezenza tal-genituri tieghu. Ghalhekk din il-Qorti thoss illi f'dawk ic-cirkostanzi l-appellant kellu jitqies bhala persuna vulnerabbli u jkun ghalhekk perikoluz illi l-istqarrija tiqies "in isolation" minghajr il-provi l-ohra illi ngiebu mill-Prosekuzzjoni. F'dan il-kaz l-ewwel Qorti qieset l-istqarrija kif ukoll ix-xhieda l-ohra illi ngabu, illi principalment jikkonsistu fix-xhieda tas-suldat cioé l-gunner Galea illi ra t-tlett imputati inkluz l-appellant flimkien fit-toilet tan-nisa gewwa H'Attard fejn instabet id-droga u ghalhekk il-Qorti qalet, "illi f'dan il-kaz anke jekk ghall-grazzja tal-argument il-Qorti kellha tinjora dak mistqarr minnhom fl-istqarrijijiet taghhom, irrizulta ippruvat mix-xhieda ta' gunner illi t-tlett

imputati kienu jinsab flimkien fit-toilet tan-nisa gewwa H'Attard u li hemmhekk instabet din id-droga."

Ikkunsidrat:
Il-prezenza tad-droga fit-toilet hija prova indizzjarja illi biex ikollha success trid tippunta f'direzzjoni wahda biss u cioé illi l-appellant kien fil-pussess ta' din id-droga. F'dan il-kaz darba tigi mwarrba l-istqarrija ghar-ragunijiet fuq indikati, din il-prova indizjarja ma tistax tipponta biss lejn l-appellant peress illi hemm possibiltajiet ohra bil-prezenza ta' zewg persuni ohra fl-istess kamra fejn it-tnejn setghu jkunu responsabbli individwalment ghal dik id-droga. Ghalhekk il-prova indizjarja f'dan il-kaz ma twassalx ghall-konkluzjoni wahda u l-ewwel Qorti allura ma setghetx tibbaza decizjoni taghha fuq din il-prova.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-appellant ghandu ragun u konsegwentement tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu u konsegwentement tordna illi jigi liberat minn kull imputazzjoni u htija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------